# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 475/2015**

Il-Pulizija

vs

**Christian Muscat**

iben Joseph, imwieled Pieta', fis-7 ta' Dicembru, 1987, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 549587(M)

Illum, 10 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christian Muscat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

a. Talli nhar il-Gimgha 2 ta' Jannar, 2015, ghal habta tas-7.10 a.m., fl-inhawi ta' l-Imgarr, ikkacja jew ipprova jikkacja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza, kellu fil-pussess tieghu u ghamel uzu minn xibka (mansab) armat waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg 7(1)(e) L.S. 504.71;

b. Talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed jonsob jew jikkacja kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi skur tar-Reg. 7(2) L.S. 504.71;

c. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasufr waqt l-istagun ghat-tehid ta' ghasafar kif jista' jigi permess skont dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' L.S. 504.71 Reg 18(1)(c).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 7(1)(e), 7(2) ta' l-L.S. 504.71 u Reg 18(1)(c) tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) akkuza u ghaldaqstant illiberatu. Sabitu hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza u ghaldaqstant kkundannatu multa ta' elf euro (€1,000) u ordnat sospenzjoni ta' licenzja ghal tlett (3) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Christian Muscat ipprezentat fit-23 ta' Ottubru, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tibdel u tvarja s-sentenza appellata billi: filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha fejn sabet lill-esponenti mhux hati tat-tieni imputazzjoni; tirrevoka l-istess sentenza appellata kwantu l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u minnhom tilliberah minn kull htija; u rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr preguzzju ghall-aggravji dwar il-meritu, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skont il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti umilment jissottometti li mill-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni stess, u skont kif inhi dedotta c-citazzjoni, jidher li hemm l-impossiblità li l-esponenti fid-data u fil-hin tac-citazzjoni huwa kien qieghed jonsob. Konsegwentament, l-esponenti qatt ma seta' jinstab hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni. Fit-tieni lok, strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena in kwistjoni, f'kaz ta' htija ghandha tkun iktar miti.

## A) L-Impossiblità li l-Esponenti kien Qed Jonsob fid-Data u fil-Hin Indikati fic-Citazzjoni

### A.1) Ic-Citazzjoni

Preliminarjament, l-esponenti sejjer jaghmel referenza ghall-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar x'ghandu jkun fiha c-citazzjoni sabiex jkompli jsahhah l-argument tieghu u juri kif l-allegazzjonijiet kif dedotti fic-citazzjoni ma jistghu qatt iwasslu ghall-htija – anzi juru l-impossiblità li l-esponent/appellant jinstab hati.

L-esponenti ghalhekk sejjer jibda billi jaghmel umili referenza ghall-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-gurisprudenza li titkellem dwar dan l-artikolu.

L-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali jistipola li:

> *"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw."*

Illi l-importanza ta' dan l-artikolu gie analizzat f'diversi sentenzi fostohom: *Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et.*, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 2012[1]; *Il-Pulizija vs Warren Piscopo* u *il-Pulizija vs Ruth Theuma,* it-tnejn li huma decizi mill-Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' Ottubru 2010[2]; u *il-Pulizija vs John Mary Briffa* deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Ottubru 2005.

Illi fil-kaz odjern l-esponenti ma huwiex qieghed jipprova jallega li hemm xi tip ta' zball fid-data jew fil-hin imnizzel fic-citazzjoni, izda ghamel referenza ghal dawn is-sentenzi supra citati sabiex juri kif fil-kamp penali, huwa element *sine qua non*, li biex imputat jinstab hati tar-reat/i li bihom ikun qed jigi rinfaccat, il-provi li jitressqu fil-kawza jridu jkunu tali li juru li l-imputat ikun ikkommetta l-allegat reat/i fic-cirkostanzi skont kif kontemplati fic-citazzjoni.

Infatti l-istess gurisprudenza in materja taghmilha wkoll cara li dak li jkun indikat fic-citazzjoni huwa importanti ferm sabiex b'hekk l-imputat ikun jaf dwar x'hiex ikun qed jigi akkuzat, dwar liema incident u cirkostanzi jkun qed jaffacja akkuzi kontra tieghu, u konsegwentament ikun jista' jressaq id-difiza tieghu. Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet: *Il-Pulizija vs Rita Zammit*[3],

---

[1] Hawnhekk, l-akkuzi kienu jitrattaw il-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tal-11.30pm, izda l-provi kollha kienu jindikaw li l-incidnet sehh fil-25 ta' Ottubru 2009, fit-03.30am, u konsegwentament, il-Qorti illiberat lill-imputati mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom. Minn din is-sentenza ma gie intavolat l-ebda appell mill-Avukat Generali.

[2] L-imputati gew liberati mill-imputazzjoniijiet dedotti kontra taghhom minhabba li filwaqt li c-citazzjoni kienet indikat il-hin tas-06.10am, l-incident li fih l-imputati kienu involuti kien sehh fis-06.10pm.

[3] Appell tal-Avukat Generali.

deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' April 2005, fejn l-imputata giet liberata minhabba zball fid-data fic-citazzjoni, il-Qorti iddikjarat li d-data tal-allegat reat hija cirkostanza materjali u sostanzjali fl-akkuza, u filwaqt li ikkonfermat il-liberazzjoni tal-imputata, irriteniet li:

> *Ghal kull buon fini pero' jigi osservat bhala linea ta' gwida li l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ma laqghetx it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni f' cirkostanza tant materjali w sostanzjali bhal ma hija d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat, wara li mhux biss kienu gew konkluzi l-provi tal-prosekuzzjoni, imma sahansitra kienet xehdet l-appellata u ghalqet il-provi taghha w saret it-trattazzjoni mid-difiza w sahansitra l-kawza kienet gja differita ghas-sentenza. Meta l-appellata ddecidiet li toffri x-xhieda taghha, hija kellha sitwazzjoni kristallizata quddiemha u cioe' serje ta' provi li kollha jindikaw li l-allegat reat kien gara xaharejn qabel id-data indikata, sia pure erronjament mill-prosekuzzjoni, fl-akkuza. Ghalhekk meta ppreparat id-difiza taghha kellha kull dritt tistenna li ma jiccaqalqux il-lasti w l-parametri tal-akkuza minn dawk li kienu sa mill-bidu nett tal-kawza. Altrimenti, kieku jigu ammessi korrezzjonijiet ta' natura hekk sostanzjali, wara li jkun xehed l-akkuzat u d-difiza tkun ghalqet il-kaz taghha,dan ikun abbuz lampanti mill-process penali a skapitu tal-persuna akkuzata w tali agir, apparti li fil-fehma ta' din il-Qorti ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq, ikun qed ikun ingust mad-difiza w mall-akkuzat b' mod li johloq pregudizzju w dannu rrimedjabbli."*

A.2) Assenza totali ta' provi li jippuntaw lejn il-htija

Fil-kaz odjern l-esponenti huwa akkuzat talli fit-2 ta' Jannar, 2015 ghal-habta tas-07.10 a.m. huwa kien qieghed allegatament jonsob fl-inhawi ta' l-Imgarr.

Mill-banda l-ohra, però, kif ser jigi muri f'dan l-umili appell, l-istess provi tal-prosekuzzjoni juru li fit-2 ta' Jannar, 2015 ghal-habta tas-07.10 a.m. huwa ma setax kien qed jonsob ghaliex ma kienx fuq il-post in kwistjoni!

Dan qed jinghad ghaliex l-erba' pulizija stess (PS 305, PC 1209, PC 804 u PC 544) fl-affidavits rispettivi taghhom jeskludu li l-imputat fis-07.10 a.m. kien qieghed jonsob fuq il-mansab tieghu – infatti kollha jghidu li kellhom jikkuntatjawh biex imur fuq il-post, propju ghaliex f'dak il-hin lill-esponenti ma sabuhx fl-ghalqa hdejn l-imnasab!

Apparti minn hekk, huwa importanti ferm ukoll li wiehed jippuntwalizza li skont l-istess affidavits tal-pulizija, dan mhuwiex kaz fejn forsi il-pulizija ma sabuhx gol-mansab jew god-dura izda sabuh go xi kamra f'ghalqa jew fil-vettura fl-istess ghalqa. Mill-istess affidavits tal-erba' pulizija jidher ukoll li dan mhuwiex kaz fejn l-pulizija rawh mill-boghod u malli ressqu fil-qrib ma sabuhx ghaliex stahbilhom. L-affidavits ma jghidu xejn minn dan. L-affidavit jghidu biss li dawn l-erba' pulizija kienu qeghdin jaghmlu r-ronda taghhom fil-limiti ta' l-Imgarr, sabu tlett imnasab maqlubin, b'erba' deyos tal-plastic u raw erba' pluvieri hajjin fuq il-bejn tad-dura U MHUX FUQ IX-XIBKA, u peress li l-istagun kien ghadu kif ghalaq 31 siegha qabel, l-istess pulizija cemplu lil persuna li fuqha kien registrat is-sit fejn kien hemm l-imnsaba u qalulu biex imur fuq il-post. Dan il-persuna kien l-esponenti. L-esponenti wara xi kwarta mar minn jeddu fuq il-post, u flimkien ma huh u ma missieru zarma l-imnasab wara li kien ordnat li jaghmel hekk mill-istess pulizija.

L-esponenti jerga' jirrepeti li dawn l-erba' pulizija però imkien ma jghidu li raw lill-esponenti jonsob jew jipprova jonsob – anzi jghidu li ma kienx fuq il-post, u kellhom jaghmlu kuntatt mieghu permezz tat-telefon biex imur fuq il-post!!!

Konsegwentament, l-esponenti umilment itenni li semplicement ma hemm l-ebda prova, zghira kemm hi zghira, li tista' b'xi mod tipponta lejn htija tal-esponenti ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-esponenti gie misjub hati mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

A.3) Provi "cirkostanzjali" li ma jwasslu imkien

Ghall-kompletezza, u kif del resto digà gie imsemmi iktar il-fuq f'dan l-istess rikors ta' appell, huwa minnu li l-erba' pulzija fl-affidavit taghhom jiddikjaraw li huma sabu tlett imnasab, decoys tal-plastic u erba' ghasafar hajjin li kienu fuq is-saqaf tad-dura.

Wiehed jimmagina li l-prosekuzzjoni tista' tittanta targumenta li l-imnasab fuq il-post, li del resto kienu maqluba, tammonta ghal prova cirkostanzjali li tipponta lejn il-htija.

Dwar il-provi cirkostanzjali, referenza issir ghall-kawza fl-ismijiet*ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002, fejn il-Qorti iddikjarat li:

> *"Il-prova ndizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista'*

*ragjonevolment jasal għall-konkluzjoni tiegħu ta' ħtija in bazi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa ħati ta' dak addebitat lilu u, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi."*

L-esponenti umilment jissottometti li l-imnasab kif instabu mill-pulizija, fid-dawl tal-kumplementa tal-fatti, ma jistgħu qatt iwasslu sal-livell ta' prova rikjesta mill-ligi sabiex tinstab ħtija, anzi jħallu dubji serjissimi liema dubji għandhom imorru favur l-akkuzat, u jmorru favur l-akkuzat mhux bi pjacir izda bi dritt skont kif tiddetta l-procedura fil-kamp penali.

Però, ai fini ta' kompletezza, anke jekk wieħed għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss wieħed jaccetta li jikkonsidra tali prova, mill-banda l-oħra, huwa impotanti li din l-istess prova trid tigi meqjusa fid-dawl tal-fatt li prova oħra li ressqet il-prosekuzzjoni stess hija <u>in-nuqqas ta' prezenza tal-esponenti fuq il-post.</u>

Apparti dan il-punt tal-assenza tal-imputat fuq il-post, dwar il-kwistjoni tal-imnasab huwa importanti wkoll li jigu osservati s-segwenti punti:

- Id-data in kwistjoni kienet fit-2 ta' Jannar 2015, fis-7.15am, i.e. 31 siegħa biss wara li kien għalaq l-istagun tal-insib, u PC 804 Formosa jiddikjara fl-affidavit tiegħu li l-esponenti qallu li ma kienx zarma l-imnasab qabel minħabba li kien hemm ħafna tajn u ma setax izarmhom qabel;
- Fir-rigward l-imnasab, l-istess pulizija jiddikjaraw li tali imnasab kienu "maqluba". Dan ifisser li tali imnasab ma kienux lesti biex jintuzaw jekk jidher xi għasfur;
- L-għasafar ħajjin indikati mill-pulizija ma kienux fuq ix-xibka, kif suppost iridu jkunu waqt li jkun qed isir l-insib, izda kienu maqfula fuq is-saqaf tad-dura – ergo ma kienxu qed jintuzaw;
- Apparti minn hekk, importanti li dan l-aħħar punt jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt li l-istagun tal-kacca fit-2 ta' Jannar 2015, fis-07.15am kien għadu miftuħ, u hija prassi normali, legali u applikatata kwazi mill-kaccaturi kollha li wieħed imur għall-kacca bil-pluvieri ħajjin;
- Għalkemm kien hemm l-imnasab, l-esponenti ma kienx hemm.

Fil-kaz odjern, però, u fid-dawl tal-interpretazzjoni supra citat, jinghad bir-rispett, li fic-cirkostanzi kif deskritti mill-erba' pulizija fl-affidavit taghhom, il-fatt li instab mansab, (liema mansab kien maqlub) mhuwiex bizzejjed biex wiehed ikun jista' b'xi mod jikkonkludi li l-esponenti kien qed jonosb. Anzi, l-esponenti jazzarda jmur oltre minn hekk, u jissottometti illi l-fatt li l-esponenti ma kienx fl-ghalqa (u infatti l-pulizija mhux talli jghidu li l-esponenti ma kienx fl-ghalqa, talli jghidu li cemplulu u damu madwar kwarta jistennewh biex imur fuq il-post), hija prova cara li kompletament teskludi li l-esponenti fit-2 ta' Jannar 2015, ghal habta tas-07.15am, kien qieghed jonsob!!

Fl-ahhar lok, l-esponenti jaghmel ukoll referenza ghal gurisprudenza li tat definizzjoni ta' xi tfisser "*tipprova tiehu*" fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kacca u l-insib, sabiex juri kif il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni mhux biss lanqas ma jinkwadraw fid-defizzjoni ta' *"tipprova tiehu*", izda kif l-istess defizzjoni teskludi l-htija tal-esponenti.

Fis-sentenza *Il-Pulizija vs Clint Catania*, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Settembru, 2009, intqal li:

> *"Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qorti diversament preseduta, l-espressjoni "tippova tiehu" fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kacca w l-insib, ma tirreferix ghan-nozzjoni ta' tentattiv fil-Kodici Kriminali. Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed "tipprova tiehu" ghasfur li hija jkollha lest l-apparat mehtieg <u>u tkun qed tistenna</u> biex, appena jitfacca ghasfur, dan ikun jista' jigi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi kliem iehor, anke jekk ma jitfaccja enda ghasfur papabbli ghan-nasba, izda jkun hemm appart sufficjenti ghall-insib, dik il-persuna tkun qed "tipprova tiehu". (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs Paul Grech u Carmel Farrugia" [25.8.2008]; "Il-Pulizija vs Joseph Vella" [1.9.1995] u "Il-Pulizija vs. Joseph Cini" [15.7.2005].)"*[4]

Din id-definizzjoni taghmel car daqs il-kristall dak li del resto l-esponenti jtenni bir-rispett, li huwa l-ovvju, ossia li huwa element *sine qua non* li biex persuna tkun qed tipprova tonsob jrid ikollha mhux biss l-apprat lest, izda trid tkun qeghda fil-post tistenna u ghassa ghall-ghasafar biex meta jitfaccaw jkunu jistghu jinqabdu fix-xbiek!! Din id-defizzjoni ghalhekk, tkompli

---

[4] Sottolinear tal-esponenti.

ssahhah it-tezi tal-appellanti, ossia mhux biss li l-provi cirkostanzjali ma jwasslux ghall-htija, anzi l-istess provi tal-prosekuzzjoni juru l-impossiblità li l-esponenti seta' kkommetta tali reat li bih huwa qed jigi rinfaccat.

Kosegwentament, fid-dawl tas-sottomissjonijiet kolha supra, l-esponenti jirribadixxi li bid-dovut rispett l-provi tal-kaz in dezamina ma jsibux komfort u ma jinkwadrawx ruhhom fir-reati ndikati fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni, li taghhom l-esponenti gie misjub hati. Huwa car illi l-appellant mhux biss ma kienx qieghed jaghmel uzu tal-istess apparat biex isir l-insib talli lanqas biss kien fuq il-post fejn l-apparat. Illi jekk gie allegat mill-prosekuzzjoni li l-appellant kien qed jonsob jew jipprova jonsob, din l-istess akkuza kellha tigi pprovata sal-grad li trid il-procedura kriminali, u mhux permezz ta' suppozizzjonijiet u u provi ohra li jinnegaw, ossia jeskludu, ir-reat in kwistjoni, hekk kif, bir-rispett, irnexxiela tipproduci l-prosekuzzjoni permezz tal-affidavits esebiti.

B) Aggravju dwar Piena

Illi strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu l-esponenti umilment jissottometti li suboridinatament, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-esponenti u tikkonferma l-htija, l-piena fil-kaz in kwistjoni ghandha tkun wahda iktar miti skont ic-cirkostanzi tal-kaz, b'dan li tkun tqarreb iktar lejn il-mimimu tal-piena kontemplat fil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju fejn quddiem l-ewwel Qorti  l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni kienu biss l-affidavits ta' erba' kuntistabbli.

Illi quddiem din il-Qorti ma gew prodotti ebda xhieda hlief ghal dak li nghad hawn fuq.

Illi mill-affidavits tal-kuntistabbli ma jirrizultax li l-appellant kien fuq il-post ta' l-incident. Fil-fatt hu gie fuq il-post kwarta wara li hu gie kkuntattat bit-telefon. Fuq il-post ta' l-incident instabu tlett imnasab izda dawn kienu maqlubin u dan ifisser li ma kienux qed jintuzaw.

Illi din il-Qorti mhux ser titlef il-hin taghha fuq dan il-kaz hlief biex tirrimarka li f'cirkostanzi bhal dawn ebda akkuzi ma jmisshom hargu kontra l-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu. Tilqa l-appell ta' Christian Muscat. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar l-ewwel u it-tielet akkuza u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.